

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa — CAAD) (il-Portugall) fis-17 ta' Mejju 2019 — MK vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-388/19)

(2019/C 270/22)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa — CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: MK

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domanda preliminari

L-Artikoli 12, 56, 57 u 58 tat-Trattat dwar il-Komunità Ewropea [li issa saru l-Artikoli 18, 63, 64 u 65 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea] ikkunsidrati flimkien, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali (Artikolu 43(2) tal-Código do IRS [il-Kodiċi tat-taxxa fuq id-dħul tal-persuni fiżiċi], approvat bid-Digriet Liġi Nru 442. –A/88 tat-30 ta' Novembru, skont il-verżjoni mogħtija lilha bil-Liġi Nru 109-B/2001 tas-27 ta' Diċembru), li ġiet emendata bil-Liġi Nru 67. –A/2007, tal-31/12, bl-inklużjoni tal-paragrafi 7 u 8 (li issa saru l-paragrafi 9 u 10) fl-Artikolu 72 tal-Código do IRS, b'tali mod li l-apprezzamenti fil-valur li jirriżultaw mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Membru (il-Portugall), minn resident ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (Franza) ma jkunux suġġetti, bis-saħħa tal-għażla tal-persuna suġġetta għat-taxxa, għal oneru fiskali ogħla li jiġi applikat fir-rigward ta' dan l-istess tip ta' tranżazzjoni għall-apprezzamenti fil-valur magħmula minn resident tal-Istat fejn din il-proprjetà immobbli tkun tinsab?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-21 ta' Mejju 2019 — VG Bild-Kunst vs Stiftung Preußischer Kulturbesitz

(Kawża C-392/19)

(2019/C 270/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti għal reviżjoni: VG Bild-Kunst

Konvenut għal reviżjoni: Stiftung Preußischer Kulturbesitz

Domanda preliminari

L-inkorporazzjoni, permezz tat-teknika msejħa “Framing”, fis-sit internet ta’ terz, ta’ xogħol disponibbli, bil-kunsens tad-detentur tad-drittijiet, fuq sit internet liberament aċċessibbli, tikkostitwixxi komunikazzjoni tax-xogħol lill-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 ⁽¹⁾ jekk din l-inkorporazzjoni tevita miżuri ta’ protezzjoni kontra l-framing adottati jew imposti mid-detentur tad-drittijiet?

⁽¹⁾ Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet ta’ l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta’ l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

Rikors ippreżentat fl-24 ta’ Mejju 2019 — Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**(Kawża C-401/19)**

(2019/C 270/24)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna, aġent, W. Gonatarski, advocat)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla l-Artikolu 17(4)(b) u l-Artikolu 17(4)(c), *in fine* (jiġifieri fil-parti li fiha l-frażi “u għamli l-aħjar sforzi biex jipprevjenu kwalunkwe upload futur tagħhom skont il-punt (b)”) tad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE ⁽¹⁾;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-Repubblika tal-Polonja titlob l-annullament tal-Artikolu 17(4)(b) u l-Artikolu 17(4)(c) *in fine* (jiġifieri fil-parti li fiha l-frażi “u għamli l-aħjar sforzi biex jipprevjenu kwalunkwe upload futur tagħhom skont il-punt (b)”) tad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU 2019, L 130, p. 92) kif ukoll il-kundanna għall-ispejjeż tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma jistgħux jiġu ddissoċjati mid-dispożizzjonijiet l-oħra li jinsabu fl-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2019/790 mingħajr ma tinbidel is-sustanza tar-regoli li jinsabu f’dak l-artikolu, ir-Repubblika tal-Polonja titlob l-annullament tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2019/790 fl-intier tiegħu.